**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI**
**BĦALA QORTI TA’ ĠUDIKATURA KRIMINALI**

MAĠISTRAT DR. ANN MARIE THAKE
LL.B., Adv. LL.M., LL.D.

Illum, 28 ta’ Ġunju 2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro)**
**vs**
**Joseph Damato**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Joseph Damato,** iben Mariano u Catherine nee’ D’Amato, imwieled Żurrieq nhar it-22 ta’ Awissu, 1953 u detentur tal-karta ta’ l-Identita bin-numru 0575853M:

Akkużat talli nhar nhar l-1 ta’ April, 2023, għal ħabta nofsinhar (12:00), ġewwa ż-Żurrieq fil-limiti ta’ Triq il-Belt Valletta:

1. Waqt staġun magħluq għall-insib tal-għasafar, ħa jew ipprova jieħu xi għasfur u dan bi ksur ta’ Reg 18(1)(c) ta’ L.S. 549.42;
2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, kien fil-pussess jew kellu fil-kontroll tiegħu jew żamm kampjuni ta’ għasfar, kemm ħajjin jew mejtin, jew xi parti li tista’ tingħaraf jew derivattivi ta’ xi għasfur li mhux inklużi fl-iskeda II jew fl-Iskeda III u meta dak l-għasfur ma kienx ġie important legalment skont id-disposizzjonijiet tar-Reg 6(1)(a), jew ġie meħud jew akkwistat legalment fi Stat Membru jew imrobbi fil-magħluq u dan bi ksur ta’ Reg 4(1)(e) (ii-iv) ta’ L.S. 549.42;
3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ikkaċja jew ipprova jikkaċja, ħa jew prova jieħu xi għasfur li huwa protett taħt dawn ir-regolamenti jekk mhux skont dawn ir-regolamenti u skont il-kundizzjonijiet ta’ kull liċenza li tingħata taħtha bi ksur ta’ Regolament 4(1)(a) ta’ L.S. 549.42;
4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kien qed jonsob min sit li ma ġiex reġistrat u approvat mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi u dan bi ksur ta’ Regolament 12(d) ta’ L.S. 549.145 u dan bi ksur tat-tieni proviso ta’ Regolament 8(2) ta’ L.S. 549.42;
5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ikkaċjajt jew ipprovajt tikkaċja, ħadt jew ppruvajt tieħu Dizzu (Tree Pipt, Anthus Trivialis) għasfur li huwa protett taħt dawn ir-regolamenti jekk mhux skont

dawn ir-regolamenti u skont il-kundizzjonijiet ta' kull liċenza li tingħata taħtha bi ksur ta' Regolament 4(1)(a) ta' L.S. 549.42.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament u rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-każ;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat**

Il-prosekuzzjoni tikkontendi li fl-1 ta' April 2023 għal ħabta ta' nofsinhar l-imputat kien qiegħed jonsob minn sit mhux reġistrat, u li fl-istess data u ħin kien ħa diżżu li kien instab fil-pussess tiegħu. Minn naħa tiegħu l-imputat irreġistra ammissjoni fir-rigward tat-tieni akkuża, li tirrigwarda l-pussess tad-diżżu, iżda qed jikkontesta l-bqija tal-akkużi. Il-verżjoni tad-difiża hija li d-diżżu kien ilu fil-pussess tal-imputat għal ċirka għaxar snin u li l-*birdcaller* li nstab fuq il-post, li kellu l-għajta tad-diżżu bħala l-aħħar għajta li kienet qed tintuża, kien qed jintuża minnu biss sabiex id-diżżu li kien fil-pussess tiegħu kien ikun jista' jisma` għajta familjarji u għalhekk iħossu iktar komdu. L-imputat isosnti li huwa kien rieqed u mhux jonsob meta l-pulizija marru jħabbtulu, u skont hu dan huwa sorrett mill-fatt li meta fetaħ il-bieb kien liebes biss ħwejjeġ ta' taħt. L-imputat qal li l-ħabel tal-ġibda li kien hemm fil-kamra fejn instab kien jagħti għall-mansab mingħajr xibka u għalhekk ma setax kien qed jonsob minnha. Apparti li xehed hu, l-imputat ressaq ukoll bħala xhud lil ibnu Manuel Damato, li qal li dejjem jiftakar id-diżżu in kwistjoni għand missieru.

Wara li semgħat ix-xhieda u rat l-atti l-Qorti tqis li tad-difiża li l-imputat ma kienx qiegħed jonsob fiż-żmien relevanti mhijiex kredibbli. L-ewwel nett, għalkemm l-imputat isostni li l-ħabel tal-ġibda kien jagħti għall-mansab mingħajr xibka, dan huwa kontradett mix-xhieda ta' PS661 Christian Grech li jispjega hekk fl-affidavit tiegħu:
"Hekk kif qbist iċ-ċint mort nitawwal ħdejn il-mansab sabiex nara jekk kienx hemm xi ħadd ħdejn id-dura tiegħu iżda stajt ninnota li l-mansab kien attiv, bix-xibka, wires, mollol u cables u il-ġibda tiegħu kienet fejn kont preżenti jien. Ġo nofs il-mansab stajt ninnota diversi speakers imwaħħla mal-art.
Jien mort ħdejn il-kmamar tal-ġebel dan għaliex innutajt il-ħabel tal-ġibda kellu ħabel ieħor imwaħħal miegħu fejn dan seta` jinġibed minn fejn il-kamra tal-ġebel."

Kemm PS661 u kif ukoll PC541 xehdu li PS661 ikkonferma li dan il-mansab kien konness mal-ħabel imsemmi, u dan billi ġibed il-ħabel tad-dura biex jikkonferma li l-mansab kien jinqaleb. Dan kollu sar fil-presenza tal-imputat. PS661 spjega wkoll quddiem il-Qorti fejn kien dan il-mansab u minn fejn kien għaddej dan il-ħabel. M'hemm xejn fl-atti li jwassal lil din il-Qorti sabiex tiddubita din ix-xhieda ta' PS661 u PC541. Għalhekk, ikkonsidrat li l-ħabel ġie ttestjat, u hemm konferma li dan kien jaqleb il-mansab attiv, il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni irnexxilha tipprova sal-grad rikjest mill-liġi li l-imputat kien filfatt qiegħed jonsob kif qed jiġi akkużat. Il-fatt li kien liebes ħwejjeġ ta' taħt ma joħloqx dubbju raġonevoli li dan mhuwiex il-każ, għaliex m'hemm l-ebda ilbies partikolari li wieħed huwa meħtieġ li jilbes biex ikun jista' jonsob.

Cassie Grech xehdet quddiem il-Qorti u kkonfermat li dak iż-żmien l-istaġun kien magħluq għall-insib, u għalhekk l-ewwel imputazzjoni tinsab suffiċjentement pruvata

Fir-rigward tar-raba` imputazzjoni, il-Qorti tosserva li fl-affidavit tiegħu PS661 Christian Grech xehed li l-imputat kien ammetta li s-sit fejn kien instab il-mansab ma kienx irreġistrat, u dan wara li kien ingħata is-solita twissija dwar id-drittijiet tiegħu, inkluż id-dritt għas-silenzju. Huwa minnu li din il-konfessjoni ma saritx permezz ta' stqarrija bil-miktub, iżda skont l-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali, konfessjoni mill-imputat tista' ssir "bil-miktub, b'mezzi awdjoviżwali jew b'mezzi oħra" u tkun ammissibbli jekk tkun saret "volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jewb'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi." Quddiem din il-Qorti il-konfessjoni tal-imputat ma' PS661 ma ġiet imxejna bl-ebda mod, u dan billi mhux biss l-imputat ma nnegax li qal dan il-kliem lil PS661, iżda wkoll billi ma tressqet l-ebda allegazzjoni li l-konfessjoni ittieħdet b'xi mod kontra l-liġi.

F'dan ir-rigward ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs John Attard,** deċiża mill-Qorti Kriminali fl-14 ta' Settembru 2004 illi:

> "Hu accettat li kull dikjarazzjoni tal-akkuzat maghmula qabel, waqt jew wara l-att inkriminat tista' tingieb bi prova kontra tieghu w li l-konfessjoni li tkun saret volontarjament tista' tittiehed bhala prova tal-htija tieghu. Ta' spiss jinghid li l-konfessjoni tal-akkuzat hija l-prova regina ghax kif intqal:-
>
> "A free and voluntary confession of guilt by a prisoner, whether under examination before magistrates or otherwise, if it is direct and positive, and is duly made and satisfactorily proved , is sufficient to warrant a conviction without any corroborative evidence : R. v. White, R.& R. 508; R. v. Tippet, id. 509; R. v. Eldridge, id.440; R.v. Falkner, id. 481; R. v. Francia , 15 St. Tr. 859, 1 East P.C. 133 n , Fost. 240; R. v. Lambe, 2 Leach 552; R. v. Wheeling, 1. Leach 311 n."
>
> Jintqal ukoll li:- "Admissions or confessions to persons other than magistrates, if in writing, are proved as any other written instrument ..If made by parol, they are proved by parol evidence of some person who heard them. What a prisoner has been overheard to say to another, or to himself, is equally admissible; though it is evidence to be acted upon with much caution, as being liable to be unintentionally misinterpreted by the witnesses." (See R. v. Simons, C. & P. 540) ( ARCHBOLD . p.376)."

Minn studju tal-ġurisprudenza jirriżulta li hija ammissibli ix-xhieda ta' uffiċjal pulizija dwar il-konfessjoni bil-fomm li tkun saret lilu mill-imputat, dejjem jekk ikun laħaq ġie mogħti it-twissija skont il-liġi, u l-konfessjoni tkun saret volontarjament, mingħajr theddid jew wegħdiet. Hekk per eżempju, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Omar Pisani** deċiża fis-6 ta' Jannar 2005 il-Qorti tal-Appell Kriminali ħadet in konsiderazzjoni konfessjoni bil-fomm li l-imputat kien għamel ma uffiċjal tal-pulizija, wara li ħadet in konsiderazzjoni

l-artikolu appena msemmi u wkoll l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali, skont liema ix-xhieda ta' xhud wieħed biss, jekk emnuta, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta.

Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Omar Psaila** deċiża fl-20 ta' Ġunju 2014, fejn meta l-Qorti ġiet biex tiddeċiedi jekk kellhiex tieħu in konsiderazzjoni jew tiskarta dak mistqarr mill-imputat lill-pulizija bil-fomm qabel ma ttieħditlu stqarrija bil-mitkub, għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "M'hemmx dubju li l-appellat ingħata twissija mill-Pulizija qabel ma beda jitkellem. Dan il-punt joħroġ mix-xhieda mogħtija mit-tliet uffiċjali.
> L-artikolu 658 tal-Kap 9 huwa importanti ferm għax jista' jintuża f'każ li persuna ma tkun wieġbet għall-ebda mistoqsija fl-istqarrija bil-miktub iżda tkun tkellmet dwar lgħemil li wettqet. Dak li jgħid imputat lil xi persuna oħra jista' jittieħed bħala prova u ma jitqiesx bħala hearsay.
> Jekk wieħed iqis il-kriterji li ssemmew kemm fis-sentenza 'Charles Steven Muscat kontra l-Avukat Ġenerali' kif ukoll fis-sentenza 'Taliana Anthony kontra l-Kummissarju tal-Pulizija', wieħed jikkonkludi li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet ikkonsidrat dak li lappellat qal lill-Pulizija. L-appellat kellu 27 sena meta huwa tkellem mal-Pulizija u għalhekk ma kienx minorenni. Barra minn dan, din ma kenitx l-ewwel darba li sab ruħu fil-kwartieri tal-Pulizija kif jirriżulta ċar mill-fedina penali tiegħu. Barra dan hu kien ingħata t-twissija qabel ma tkellem. Ma jirriżulta minn imkien li l-appellat kien b'xi mod kostrett jitkellem. Tant li meta saret l-istqarrija bil-miktub huwa ma ta ebda tagħrif li kellu x'jaqsam mal-imputazzjonijiet ta' dan il-każ saħansitra meta saret domanda diretta dwar dak li kien qal lill-Pulizija qabel ma bdiet l-istqarrija."

Il-Qorti m'għandha l-ebda raġuni għalfejn tiddubita il-kredibbilita tax-xhieda ta' PS661. Għalhekk, ikkonsidrat li l-konfessjoni bil-fomm tal-imputat saret skont il-liġi u wara li ngħata t-twissija skont il-liġi, u kkonsidrat dak dispost mill-artikoli 658 u 638(2) u l-fatt li l-imputat bl-ebda mod ma kkontesta jew xejjen din it-testimonjanza ta' PS661, il-Qorti tqis li l-konfessjoni tal-imputat lil PS661 kif jirriżulta mill-affidavit tiegħu hija biżżejjed sabiex tista' tinstab ħtija anke fir-rigward tar-raba` akkuża.

Fir-rigward tal-ħames imputazzjoni, il-verżjoni tal-imputat hija li hu ma kienx qabad id-diżżu li nstab fil-pussess tiegħu dakinhar, għaliex dan id-diżżu kien ilu fil-pussess tiegħu xi għaxar snin. L-imputat qal illi huwa kien juża *birdcaller* bl-għajta tad-diżżu sabiex dan id-diżżu jħossu aktar komdu għaliex ikun qed jisma għajta familjarji. Huwa ressaq ukoll bħala xhud lil ibnu Manuel Damato li xehed li dan id-diżżu dejjem jiftakru fil-pussess ta' missieru. Wara li rat l-atti il-Qorti ma tqisx illi d-difiża irnexxilha toħloq dubbju raġonevoli fir-rigward ta' din l-akkuża. Kif diġa kkonsidrat, l-imputat ma kienx kredibbli fix-xhieda tiegħu ikkonsidrat dak spjegat aktar il-fuq. Inoltre, li kieku kien minnu li dan l-għasfur kien ilu fil-pussess tal-imputat tant żmien, l-imputat kien jgħid hekk lill-pulizija li marru fuq il-post. Minflok l-imputat

innega li dan l-għasfur huwa diżżu u insista magħhom li huwa bagħal ta' kanarin. Fir-rigward tax-xhieda ta' ibnu Manuel Damato, il-Qorti tosserva li dan ix-xhud ma ta l-ebda indikazzjoni ta' kemm kien ilu għand missieru l-għasfur, u llimita ruħu biss li jgħid li dejjem jiftakru hemm. Pero din ix-xhieda ma tagħmel l-ebda sens ikkonsidrat li huwa inverosimili li d-diżżu għandu żmien daqs ix-xhud, u għalhekk ma jistax ikun li dejjem jiftakru hemm kif qal hu. Il-Qorti tqis ukoll relevanti li lil PS661 l-imputat l-ewwel qallu li l-għasfur ma kienx diżżu iżda kien bagħal ta' kanarin, u wkoll li meta ġie mitlub biex iqabbad il-*birdcaller* biex jiġi kkonfermat jekk jaħdimx l-imputat wera lil pulizija wieħed li qal li jista` jkun ma jaħdimx u kien biss meta l-pulizija insistew li jqabbdu xorta waħda u għalhekk fetah il-kaxxa bil-*connections tal-wires* li l-pulizija raw li kellu *birdcaller* iehor, liema *birdcaller* irriżulta li kien fuq l-għanja tad-diżżu. Ikkonsidrat dawn id-diskrepanzi kollha, l-Qorti ma tistax li x-xhieda tal-imputat hija kredibbli u affidabbli. Dan apparti li PS661 xehed fl-affidavit tiegħu li eventwalment l-imputat kien "stqarr illi kien għadu kemm qabdu dak li kellu fil-gabjetta."

Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni pruvat l-akkużi kollha dedotti kontra l-imputat sal-grad rikjest mill-liġi.

Fir-rigward tal-piena, il-Qorti tosserva li ma ġietx esebita il-fedina penali tal-imputat sabiex il-Qorti tkun tista' tikkonstata jekk din hijiex l-ewwel offiża ta' din in-natura jew le tal-imputat. Għalhekk il-Qorti ser titratta mal-imputat daqs li kieku din hija l-ewwel offiża. Ikkonsidrat pero illi l-imputat inqabad jonsob waqt staġun magħluq, u minn sit mhux reġistrat minkejja li huwa kellu mansab irreġistrat, il-Qorti tqis li l-piena m'għandhiex tkun fil-minimu.

**Decide**
Għal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat ir-regolament 18(1)(c), 4(1)(e) par. (ii) – (iv), 4(1)(a), 8(2) u 27 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 u r-regolament 12(d) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.145, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' elfejn ewro (€2,000), li tista' titħallas permezz ta' pagamenti mensili u konsekuttivi ta' ħamsa u sittin ewro (€65).

Il-Qorti tordna l-konfiska tal-oġġetti u l-għasfur indikati f'Dok EM1 u s-sospensjoni ta' kull liċenza jew permess maħruġa taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għal tlett snin.

Ann Marie Thake
Maġistrat

Ylenia Spiteri
Deputat Reġistratur